# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**wiehed u għoxrin (21) ta' Novembru 2019**

**Citazzjoni Nru 525/2019 FDP**

**William Ambrogio (ID 475645M) bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Ice Capital EHF**

**Vs**

**Jon Kristjansson**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent William Ambrogio bħala Mandatarju Speċjali tas-soċjeta' estera Ice Capital EHF fid-29 ta' Mejju 2019, fejn talab is-segwenti:

> *Illi dan huwa rikors ai termini tal-Konvenzjoni ta' Lugano 2007, kif emendat u applikabbli f'Malta;*
>
> *Illi r-rikorrent ingħata prokura speċjali datata 17 ta' April 2019 mingħand Omar Orn Bjarnborsson in rappreżentanza Ice Capiti EHF, socjeta' irreġistrata fl-indirizz segwenti: Kringlan 4-12 f'Rejkjavik, Iżlanda sa biex jidher f'isem u għan-nom tas-soċjeta' Ice Capital EHF f'dawn il-proċeduri, kopja ta' liema prokura ġiet annessa u mmarkata bħala Dok A.*
>
> *Illi permezz ta' sentenza tas- 27 ta' Ottubru 2016, mogħtija mill- Qorti Suprema ta' l-Iżlanda, fl-ismijiet "**Jon Kristjansson vs Ice Capital EHF**", l-intimat ġie ddikjarat biex iħallas lir-rikorrent is-somma ta' disgħin miljun, tlett mija u ħmistax il-elf, mija u tnejn u għoxrin Krona Iżlandiza (ISK 90,315,122), oltre l-imgħaxijiet legali tal-pagament effettiv u inoltre wkoll l-ispejjeż ġudizzjarji ammontanti għal miljun u ħames mitt elf Krona Iżlandiza (ISK 1,500,000) - u*

*dana skond kif jirriżulta mill-kopja awtentika tas-sentenza in kwistjoni fil-lingwa Iżlandiza annessa u mmarkata bħala Dok B, flimkien ma' traduzzjoni awtentika ta' din is-sentenza bil-lingwa Ingliża mmarkata bħala Dok C;*

*Illi fis-27 ta' Ottubru 2016, ir-rata tal-kambju bejn il-Krona Iżlandiza u l-Ewro ġiet iffissata ghal 1 Ewro: 123.96 Krona Iżlandiza, bir-riżultat illi is-sorte dovut lis-soċjeta' esponenti skond is-sentenza ċitata jammonta għal sebgħa mija u tmienja u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u tmenin Ewro (€728,583), oltre l-imgħaxijiet legali tal-pagament effetiv u l-ispejjeż ġudizzjarji jammontaw għal tnax-il elf u mitt Ewro (€12,100).*

*Illi sal-ġurnata ta' llum l-intimat għadu ma ħallas xejn lis-soċjeta' esponenti mill-ammonti msemmijin hawn fuq, minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tas-soċjeta' esponenti;*

*Illi s-sentenza fuq ċitata hija eżegwibbli fl-Iżlanda;*

*Illi l-esponent għandu interess illi jesegwixxi s-sentenza fuq ċitata kontra 1-intimat illi huwa residenti ordinarjament Malta;*

*Għaldaqstant u għar-raguniiet suspjegati, ir-rikorrent jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara eżegwibbli u konsegwentament tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq ċitata sabiex ir-rikorrent nomine ikun jista' jeżiġi l-ħlas kif dedotti fis-sentenza ċitata u bl-imgħaxijiet mis-27 ta' Ottubru 2016 sal-ġurnata tal-pagament effettiv .*

*2. Bl-ispejjeżta' dina l-proċedura kontra l-intimat li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.*

*Salv kull provvediment ieħor illi jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat illi fit-30 ta' Mejju 2019 il-Qorti appuntat il-każ għas-smiegħ għall-25 ta' Ġunju 2019.

Rat illi fil-25 ta' Ġunju 2019, il-Qorti awtorizzat lis-soċjeta' rikorrenti tinnotifika lill-intimat wara il-ħiniijet legali u, f'każ ta' eżitu negattiv, bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni.

Rat illi fid-29 ta' Lulju 2019, saret l-affissjoni ġewwa l-indirizz ta' l-intimat Flat 3, Krista Court, Triq l-Iskal, Marsascala, kif ukoll fl-Għassa tal-Pulizija ta' Marsascala u l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala, (fol 15).

Rat illi fl-1 ta' Otttubru 2019 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (fol 16) u fl-10 ta' Ottubru 2019 saret il-pubblikazzjoni fuq it-Times of Malta, paġna 11 (fol 18).

Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2019, l-intimat, imsejjaħ diversi drabi, ma deherx, u għalhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat illi skond il-“**Convention on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters”** iffirmat ġewwa Lugano fit-30 ta’ Ottubru 2007 u effettiv mill-1 ta’ Jannar tas-sena 2010, l-Artikolu 2 jipprovdi illi:

> *1. Subject to the provisions of this Convention, persons domiciled in a State bound by this Convention shall, whatever their nationality, be sued in the courts of that State.*

Rat illi skond l-istess Konvenzjoni, l-Artikolu 33 jipprovdi illi:

> *1. A judgement given in a State bound by this Convention shall be recognised in the other States bound by this Convention without any special procedure being required.*

Rat illi, skond l-istess konvenzjoni, Artikolu 38 jipprovdi illi:

> *1. A judgement given in a State bound by this Convention and enforceable in that State shall be enforced in another State bound by this Convention when, on the application of any interested party, it has been declared enforceable there.*

Rat illi, skond l-istess konvenzjoni, Artikolu 41 jipprovdi illi:

> *The judegment shall be declared enforceable immediately on completion of the formalities in Article 53 without any review under Articles 34 and 35. The party against whom enforcement is sought shall not at this stage of the proceedings be entitled to make any submissions on the application.*

Rat illi, skond Artikolu 53 ta’ tali Konvenzjoni,

> *1. A party seeking recognition or applying for a declaration of enforceability shall produce a copy of the judgement which satisfies the conditions necessary to establish its authenticity.*
>
> *2. A party applying for a declaration of enforceability shall also produce the certificate referred to in Article 54, without prejudice to Article 55.*

Rat illi r-rikorrent nomine ippreżenta, flimkien mar-rikors promotur, kopja awtentikata tas-sentenza fl-ismijiet ‘**Jon Kristjansson vs The bankrupt estate of Ice Capital EHF’** mogħtija fis-27 ta’ Ottubru 2016, fejn, fit-traduzzjoni awtentikata bl-Ingliz taghha, il-Qorti ddeċidiet hekk:

> *The donation instrument embodied in the purchase agreement of 4 November between the principal appellant, Jon Kristjansson and Ice Capital EHF on the purchase of the said company of 25,000,000 capital shares in BYR Savings Bank from the principal appellant for ISK 90,315,122 is rescinded.*
>
> *The principal appellant shall pay the counter-appellant, the bankrupt estate of Ice Capital EHF, ISK 90,315,122 with late payment interest according to paragraph 1, Article 6 of Act No 38/2001 on Interest and Price Compensation from 11 January 2013 to the date of payment.*

*The Principal appellant shall pay the counter-appellant a total of ISK 1,500,000 in legal costs before the District Court and the Supreme Court.*

Rat illi l-Qorti ta’ Reykjavik, ġewwa l-Iżlanda, ħarġet Ċertifikat a tenur tal-Artikoli 54 u 58 tal-Konvenzjoni, liema Ċertifikat inħareġ fit-8 ta’ Novembru 2018.

Rat illi jirriżulta illi l-intimat huwa domiċiljat ġewwa Malta, u dana skond affidavit ta’ William Ambrogio, fejn jidher illi l-intimat għandu Karta tal-Identita’ Maltija Nru 153970A.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat dana kollu,

**Tiddikjara** eżegwibbli u konsegwentament tawtorizza l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2016, mill-Qorti Suprema ta' l-Iżlanda, fl-ismijiet "**Jon Kristjansson vs Ice Capital EHF** fuq ċitata.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku ta’ l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**